**23 ta' Frar, 1959**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.**

Emmanuela Balzan et.

*versus*

Giovanna Degiorgio et.

**Serviġi — Donazzjoni — Donazzjoni "causa mortis" — Donazzjoni Rimuneratorja — Testment — Gratuwità — Art. 623, 1831 u 1847 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Donazzjoni ta' oġġetti bħala ħlas u kumpens ta' serviġi ma taqgħax "ipso jure", u wisq anqas "ope exceptionis", billi jiġi allegat li d-donazzjoni saret minħabba minaċċi tad-donatarju kontra d-donanti; għaldaqstant obbjezzjoni simili ma tistax tittieħed f'konsiderazzjoni f'kawża li d-donatarju jagħmel biex jiġu lilu konsenjati l-oġġetti donati.*

*Ftehim fis-sens illi xi oġġetti għandhom jibqgħu ta' min ikun qiegħed iżomm lill-sidhom meta dan jiġi nieqes ma jiswex, għax jammonta għal donazzjoni "causa mortis"; li ġiet abolita mil-liġi tagħna, mhux biss għal dak li hu forma, imma anki għaliex, ladarba s-sid ta' dawk l-oġġetti jibqa' proprjetarju tagħhom tul ħajtu, l-oġġetti jsiru tal-eredità tiegħu ma' mewtu, u d-dispożizzjoni tagħhom għal wara mewtu hi nulla għax ma saretx b'testment.*

*Għall-validità ta' donazzjoni rimuneratorja mhix meħtieġa l-formalità tal-att publiku.*

*Il-gratuwità tas-serviġi ma tistax tiġi preżunta, u trid tiġi konkludentement pruvata.*

Il-Qorti:— Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-atturi, wara li ppremettew li l-attriċi damet fuq tliet snin tirrendi serviġi lill-imsemmija Carmela Balzan, u bħala kumpens l-istess Carmela Balzan kienet tagħtha barbazzal u ċappetta tad-deheb; u li dawn iż-żewġ oġġetti l-lum jinstabu f'idejn il-konvenuta Giovanna Degiorgio, li qegħedha tirrifjuta inġustament li tikkonsenjahom lill-attriċi; u li l-konvenuti Emmanuele Balzan u Teresa Fava huma eredi ta' Carmela

Balzan, u ma tawx il-kunsens tagħhom lill-atturi biex jieħdu l-imsemmijin oġġetti; talbu li, prevja, jekk hemm bżonn, id-dikjarazzjoni li l-oġġetti msemmijin fuq jappartjenu lill-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn l-atturi, il-konvenuta Giovanna Degiorgio tiġi kundannata minn dil-Qorti tikkonsenja lill-atturi jew min minnhom il-barbazzal u ċappetta tad-deheb li kienu ta' Carmela Balzan, jew in difett tħallas il-valur tagħhom. Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti jew min minnhom, kompriżi dawk tal-ittra interpellatorja tad-19 ta' Frar 1953;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi, kif jidher ċar miċ-ċitazzjoni, l-atturi qegħdin jibbażaw l-azzjoni tagħhom fuq li Carmela Balzan tagħt lill-attriċi l-barbazzal u ċ-ċappetta tad-deheb bħala kumpens tas-serviġi li rrendietilha, u għalhekk l-indaġini prinċipali, jekk mhux unika, hija dwar jekk din id-donazzjoni saretx jew le. Il-pretensjoni tal-atturi tinsab sostnuta minn diversi provi testimonjali . . . . . .;

Illi kontra dawn il-provi l-konvenuti sostnew li d-donazzjoni kienet saret minħabba xi minaċċi tal-attriċi li minnhom beżgħet Carmela Balzan; iżda anki kieku kien hekk, dik id-donazzjoni ma taqgħax "ipso jure", u wisq anqas "ope exceptionis"; u għalhekk, fil-kawża preżenti, din l-obbjezzjoni ma tistax tiġi kunsidrata; salv kwalunkwe dritt talvolta spettanti lil min jista' jkollu nteress li jimpunja dak il-kuntratt;

Illi l-konvenuti ġiebu diversi provi biex juru li kien hemm ftehim bejn Carmela Balzan u uliedha fis-sens li ċ-ċappetta u l-barbazzal in kwistjoni jibqgħu lil min ikun qiegħed iżommha "meta hija tiġi nieqsa". Iżda dan il-ftehim, anki jekk sar, fil-fehma tal-Qorti, jammonta għal donazzjoni "causa mortis", li ġiet abolita mhux biss fl-isem (art. 623 Kod. Ċiv.), imma wkoll fis-sustanza (art. 1831 tal-istess Kodiċi). Infatti, kif jgħid Troplong, ikun hemm din ix-xorta ta' donazzjoni "quando il donante conserva fino

alla sua morte la libera disposizione dei beni sui quali dev'essere presa la donazione" (Donazione e Testamenti, Vol. I, §56, nota (2) in calce. F'dan is-sens hija wkoll il-ġurisprudenza tagħna (Kollez. XXI-I-81). Issa, skond l-istess konvenuti, l-oġġetti in kwistjoni kellhom jibqgħu proprjetà ta' Carmela Balzan tul ħajjitha, u biss wara l-mewt tagħha jsiru proprjetà ta' dawk li magħhom tkun qegħdha fil-ġurnata li hija tiġi nieqsa. Konsegwentement, id-dispożizzjoni ta' dawk l-oġġetti, bħala spettanti lill-eredità, tikkostitwixxi att tal-aħħar volontà, u kwindi ma setgħetx issir ħlief per mezz ta' testment (art. 623 fuq ċitat). Taħt dawn iċ-ċirkustanzi, dak il-ftehim, anki jekk sar, ma kienx legalment validu u vinkolanti; u għalhekk Carmela Balzan kienet libera li tiddisponi mill-oġġetti, kif għamlet, mingħajr ebda xkiel;

Illi lanqas jista' jingħad li d-donazzjoni "de qua" saret mingħajr il-formalità mposta mill-art. 1847 tal-Kodiċi Ċivili; għaliex si tratta minn donazzjoni rimuneratorja bħala ħlas ta' serviġi, u għaliha dik id-dispożizzjoni mhix applikabbli (art. 1833). Veru illi l-konvenuti ma jirrikonoxxux dawn isserviġi, kif jidher min nota tal-eċċezzjonijiet tagħhom (fol. 5); veru wkoll illi l-perit legali wasal għall-konklużjoni li, apparti n-natura ordinarja tal-biċċa l-kbira mis-serviġi, meta hija rrendiethom ma kellha ebda ħsieb u animu li tkun kompensata tagħhom għajr biss fl-ipotesi li Carmela Balzan tmut f'darha, u allura, skond il-ftehim li kien sar, hija kienet tista' żżomm l-oġġetti in kwistjoni; iżda, kif fuq ġie ritenut, dak il-ftehim ma kienx legalment validu u vinkolanti; u ladarba l-attriċi kellha l-"isperanza" li titħallas, dan kien biżżejjed biex il-prestazzjonijiet tagħha ma jkunux saru "pietatis vel familiaritatis causa", liema speranza mbgħad ġiet imwettqa mill-fatt pruvat li d-decujus tagħtha dawk l-oġġetti biex b'xi mod tħallasha talli għamlet magħha;

Imma, anki apparti minn dan, il-gratuwità ma ġietx konkludentement pruvata, u għalhekk għandha tiġi eskluża (Kollez. XXIX-II-851, u XXXVI-III-588); a fil-każ ta' dubju, jekk qatt kien hemm, ma għandhiex tkun preżunta, wisq anqas meta jitqiesu ċ-ċirkustanzi tal-każ, u speċjalment it-

tul taż-żmien tas-serviġi prestati mill-attriċi (Kollez. XXXII-II-1, u s-sentenzi hemm ċitati). Issa, kif jirriżulta mill-perizja ġudizzjarja, l-oġġetti in kwistjoni jiswew madwar £17, jiġifieri bil-bosta anqas mill-kumpens dovut għal dawk is-serviġi, li l-perit illikwida fis-somma ta' £120;

Illi lanqas jista' jingħad li l-attriċi ma żammetx dawk l-oġġetti, iżda kkunsinnathom lill-konvenuta Degiorgio meta d-decujus marret toqgħod magħha. Irriżulta li dik il-konsenja mill-attriċi saret waqt ġlieda u mingħajr preġudizzju ta' kull dritt li tfittex id-drittijiet tagħha bil-Qorti, tant li wissiet lill-konvenuta Degiorgio biex ma tagħti xejn mill-oġġetti lil ħadd qabel ma tiġiha karta, billi kienet sejra tfittixha legalment (fol. 29 u 65 tergo tal-proċess l-ieħor);

Illi żgur din il-konsenja ma tistax tfisser rinunzja ta' drittijiet; għaliex, apparti dak li ġa ntqal, ma ġiex pruvat li kollox sar bil-kunsens tar-raġel tal-attriċi, li kien l-aktar interessat f'dawk l-oġġetti bħala kap tal-komunjoni tal-akkwisti;

Għal dawn il-motivi;

Tilqa' t-talbiet tal-atturi, billi tikkundanna lill-konvenuta Degiorgio tikkunsinna lill-atturi l-oġġetti deskritti fiċ-ċitazzjoni, u dan fi żmien tmien tijiem mil-lum; u jekk tonqos, tikkundanna lill-istess konvenuta Degiorgio tħallas lill-atturi s-somma ta' £17;

L-ispejjeż jitħallsu mill-konvenuti.